# Farag

*Ta'* Patri V. Barbara, O.P.

Faraġ ħanin, kemm fittixtek,
F'baħar ta' għana u ta' ġid :
Qalbi muġugħa, hekk kienet, hekk baqgħet,
B'għafsa ta' id tal-ħadid.

Bkejt : lejl u nhar nixrob dmugħi,
Waħdi, maħrub minn kulħadd;
Bogħ'd minni nnifsi, minn għajri, minn Alla,
Serħ jien ma stajt insib qatt.

L-għelm ta' ħtijieti fuq ġbini
Donnu kien jidher minqux,
Ħbiebi li kienu jqimuni, barrewni,
Ismi ħlief fl-hemm ma jsemmux.

Ġrejt : żort id-dinja bi ħġarha,
Ġrejt wara l-faraġ mixtieq :
Dlam kont ħallejt ġewwa dari fi tluqi,
Dlam ġie jilqagħni fit-triq.

Ġlieda dejjiema ma' ruħi,
Aktar ma naħseb, il-ħsieb
Aktar igerrem lil qalbi midruba,
Jiftaħ għan-niket kull bieb.

Sħitt jum twelidi, sħitt 'l ommi.
— L-omm li riditli kull ġid —
Karba maħnuqa minn fommi ħarġitli,
Għajta ta' bniedem marid.

B'mard li għalih duwa xierqa
Rajt li fid-dinja ma hemmx,
Biss il-mewt kiefra għalija ħanina,
F'ħajti dan l-hemm ma jintemmx

Ersaq, ja Mewt, ħudni miegħek,
Żommni taħt ħarstek marbut,
Le mintix jasar, il-jasar hi l-ħajja,
Miegħek imgħannaq immut.

X'nambi din ħajti? Ħalluni
Noħroġ mill-baħar ta' mrar,
Negħreq fix-xejn ta' l-imgħoddi... fil-minsi...
Ngħib kif max-xemx igħib iċ-ċpar.

Xemx! Xi sbuħija xħin titla',
Isbaħ xħin tisreġ bin-nhar,
Aktar sabiħa xħin tinżel fl-għaxija
F'mirkeb dagħmieni tan-nar.

Lilek jitniegħed ġo soddtu
Fl-eqqel tax-xitwa, l-muġugħ:
Hekk jien nitniehdek, xemx ħelwa w utieqa,
Lejk irrid nifrex il-qlugħ.

Qlugħ ta' ġerrejja ħafifa,
Qlugħ li jwassalni f'dirgħajk,
Eħfef mir-riħ, ħafif aktar minn berqa,
Xemx ibqa' iġbidni warajk.

Inti fakkartni f'dija oħra,
Tiddi fir-ruħ tal-ħolqien,
Tiddi fuq rasna, ġo fina, madwarna,
Duwa għall-qlub ta' kull żmien.

Biss ġewwa ħdanek, Mulejja,
Qalbi kull faraġ issib,
Alla ta' kollox, inħobbok, ħallini
Sid, insejjaħlek "Habib!"

30 . 9 . 43.